2 9 JUL 2020

HAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

**MINUTI**

**Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar**

**IT-TMINN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 530**

**Il-Ħamis 16 ta' Lulju 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Ghislaine Bongailas – Kunsilliera
Angelo Scicluna – Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech - Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louiselle Camilleri - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**530.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

530.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech ikun skużat.

530.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri tkun skużata.

530.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

**530.2Skema ta' fondi – LC CARE Project 2020**

530.2.1 Is-Sindku qal illi kienet issejħet din il-laqgħa b'urġenza sabiex il-Kunsill japprova proġett relatat ma' għajnuna finanzjarja għall-kura tal-annimali fil-lokalità - LC Care Project.

530.2.2 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas nfurmat lill-Kunsillieri preżenti li l-Kunsill setgħa japplika għall-għajnuna finanzjarja sabiex jgħin lill-*feeders* li jitimgħu qtates *strays* f'Ħaż-Żabbar. Is-Sinjorina Bongailas spjegat li permezz ta' din l-iskema l-Kunsill setgħa jixtri ikel għal-qtates kif ukoll iħallas għal servizzi veterinarji. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet illi l-massimu tal-finanzjament ta' din l-iskema kien ta' €8,000 u li 20% tal-ammont totali jrid jiġi kopert mill-applikant.

530.2.3 Is-Sindku qal li bħalissa l-Kunsill kien għaddej bil-proċess ta' *neutering* ta' qtates *strays* fil-lokalità.

530.2.4 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas ipproponiet sabiex il-Kunsill japplika għall-massimu tal-finanzjament ta' din l-iskema u li l-ispiża għal dan il-proġett tinqasam kif ġej : €5,000 sabiex jinxtara ikel tal-qtates u €3,000 għal spejjeż veterinarji. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal din l-iskema u li n-nefqa totali għall-proġett tkun tammonta għal €8,000.

530.2.5 Il-laqgħa spiċċat fis-6.20 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-531 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 28 ta' Lulju, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku